

Brussell, 11 ta' April 2024
(OR. en)

8783/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0296(NLE)

POLCOM 145
WTO 56
AGRI 327
UD 76
UK 51

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 12358/23 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 b'rabta mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea - Adozzjoni

1. Fis-16 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar¹, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni² ta' dak il-Ftehim.

¹ ST 12357/23 + ADD 1

² ST 12358/23 + ADD 1

2. Fis-16 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar³ tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 12361/23, flimkien mal-Ftehim innifsu⁴, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb ta' tħejjija għall-konklużjoni futura tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim mar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu ġie ffirmat fl-20 ta' Diċembru 2023.
4. Fl-10 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
5. Fil-11 ta' April 2024, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) approva l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
6. Għaldaqstant, u soġġett għall-konferma tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta, bħala punt "A" fl-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 12361/23; u
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

³ ST 12360/23 (ippubblikata fil-ĠU L, 19.10.2023, 2023/2198)

⁴ ST 12362/1/23 REV 1